MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 231/2013

**Elmo Insurance Limited [C-3500]**

**Vs**

**Dunstan Williams f'ismu stess u ghan-nom ta' MLT Int Property Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-15 ta' April, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' erba' mija u euro u hamsa u disghin euro (€401.95c) u dan wara li ppremettiet hekk:

"1. Dunstan Williams rpoprio et nomine kellu kollizzjoni bil-vettura tieghu GBF-761 ma vettura ohra JON-165 proprjeta ta' Anthony Aquilina misjuqa minn Madlien Aquilina u assikurata ma GasanMamo Insurance Ltd.

2. L-assikurazzjoni ta' Dunstan Williams proprio et nomine cioe Elmo Insurance Limited, ghamlet ftehim ma

GasanMamo Insurance Limited biex jirreferu l-kollizzjoni ghal Arbitragg volontarju. Williams ma riedx jiffirma l-ftehim. Sar arbitraġġ mandatarju u Williams baqa kontumaci (Dok. A).

Elmo Insurance Limited, ir-rikorrenti qabel l-arbitragg mandatarju kienet avżat lil Dunstan Williams proprio et nomine b'ittra uffiċjali tas-26 ta' Jannar 2011 li ma kienetx ser tkun responsabbli ghall-ispejjes legali tal-Arbitragg mandatarju (Dok. B).

In segwitu fit-30 ta' mejju 2011 inghatat id-decizjoni tal-arbitragg fejn Williams gie misjub responsabbli unikament ghall-imsemmija kollizzjoni u gie kkundannat ihallas is-somma komplessiva ta' disa mija tnejn u hamsin euro tnejn u sebghin ċenteżmi (952.72 euros) rappreżentanti danni kif ukoll l-ispejjes kollha tal-imsemmija proċeduri kif ukoll l-imghax (Dok C).

Elmo Insurance Limited hallset lil GasanMamo Insurance Limited dan l-ammont kollu ta' disa mija tnejn u hamsin euro tnejn u sebghin ċenteżmi (952.72 euro) u wara kienet talbet il-hlas tal-ispejjes fl-ammont ta' erba mija u euro hamsa u disghin ċenteżmi (401.95 euro) minghand l-intimat Williams. Williams ma riedx ihallas xejn u Elmo Insurance Limited baghtet ittra uffiċjali fi 28 ta' Dicembru 2011 ghal hlas ta' dan l-ammont ta' erba mija u euro hamsa u disghin ċenteżmi (401.95 euro) li kienu l-ispejjes li gew inkorsi fid-decizjoni tal-arbitragg mandatarju fuq imsemmija li ghamlet GasanMamo Limited kontra Dunstan Williams (arbitraġġ mandatarju M2548/2010)(Dok D).

Ghaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal ghal Talbiet Zghar

(1) jiddikjara li l-assikurat taghha Dunstan Williams proprio et nomine hu responsabbli ghar-ragunijiet fuq imsemmija li jhallas dawn l-ispejjes tal-Arbitragg mandatarju M2548/2010 lil Elmo Insurance Limited li hallsitha hi kif fuq inghad.

(2) tikkundanna lil Dunstan Williams proprio et nomine biex thallas minnufih lil Elmo Insurance Limited is-somma ta’ erba mija u wiehed euro hamsa u disghin ċenteżmi (401.95 euro), l-ispejjes inkorsi tort tieghu fl-arbitragg mandatarju fuq imsemmi kif ukoll il-vat dovut skond il-ligi fuq id-drittijiet legali.

Bl-ispejjes tal-prezenti proċeduri u tal-ittri uffiċjali tal-26 ta Jannar 2011 u tal-28 ta’ Dicembru 2011 u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ dawn il-proceduri quddiem it-tribunal Ghal Talbiet Zghar”

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fit-30 ta’ April, 2013 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi meta sar l-arbitragg mandatarju l-intimat bhala assikurat tal-atturi halla f’idejn l-istess atturi sabiex huma jikkawtelaw l-interessi kemm taghhom kif ukoll tieghu.

3. Illi l-istess soċjetà attriċi kienet ġiet debitament notifikata permezz ta’ ittra uffiċjali li kienu bdew il-proceduri tal-arbitragg numru M2548/10 u ghalhekk ai finijiet tal-artikoli applikabbli tal-Kap 104 huma kienu obbligati li jiddefendu lill-intimat (Artikolu 10).

4. Illi ghalhekk is-socjeta rikorrenti ma kellha ebda dritt ki tinnotifika lill-intimat bl-ittra uffiċjali Dok B u b’hekk tippretendi li l-ispejjes legali jiġu mbaghad mhallsa mill-intimat.

5. Illi s-socjeta attriċi ghazlet li ma tintervjeniex fil-kawza u kien ghalhekk li l-gudikat/lodo fl-arbitragg ittiehed bl-intimat li baqa kontumaci.

Ghalhekk it-talbiet attriċi ghandhom jiġu riġettati bl-ispejjes”;

Ra l-verbal datat 23 ta' Jannar, 2013 fejn it-Tribunal stieden lill-partijiet sabiex jittrattaw dwar il-kwistjoni tan-nuqqas ta' kompetenza o meno tieghu li jiddeċiedi dan il-kaz a tenur tal-artikolu 3(3) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-verbal tal-24 ta' Settembru, 2013 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq din il-kwistjoni;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob lill-intimati jhallsuha s-somma ta' €401.95 dovuti lilha nhala spejjes li hija kellha thallas bhala spejjez ghall-arbitragg mandatarju numru M2548/2010 fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited noe et vs Dunstan Williams.

2. Illi ghalhekk jirrizulta li din hija kawża ghal hlas ta' flus, li s-socjeta rikorrenti qeghda tghid li l-intimati ghandhom jaghtuha ghall-ispejjez li hija kienet imgieghla thallas fl-arbitragg fuq imsemmi. Ghalhekk dawn il-proceduri ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma l-incident mertu ta' l-arbitragg hawn fuq imsemmi iżda ghandhom x'jaqsmu biss l-ispejjez li thallsu in konessjoni ma l-imsemmi Arbitragg mandatarju.

3. Ghalhekk, din il-kwistjoni odjerna ġiet intavolata korrettament quddiem dan it-Tribunal u konsegwentement it-Tribunal ghandu ġurisdizzjoni biex jisma dan il-kaz u qieghed jiddiferixxi t-talba ghal 21 ta' Novembru, 2013 fis-1.15p.m. ghall-provi tas-Socjeta rikorrenti.

Spejjez riservati ghal ġudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------